DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Notices

**24.04. 2018**

**Press Notice 57**

**AVVIŻ MILL-MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA DWAR PALM LI JINTUŻA MIS-SAJJIEDA FL-ISTAĠUN TAL-LAMPUKI**

Issa li l-istaġun tal-lampuki qiegħed fl-aqwa tiegħu, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti qed jitlob il-koperazzjoni ta' dawk kollha involuti fil-qtugħ tal-friegħi tal-palm biex josservaw ir-regolamenti u l-linji gwida bl-għan li jieħdu ħsieb dawn is-siġar.

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti jixtieq jenfazizza l-importanza li jiġi applikat trattament kimiku wara l-qtugħ tal-friegħi, ħalli kemm jista' jkun titnaqqas il-firxa tal-bumunqar aħmar tal-palm.

Il-qtugħ tal-friegħi tal-palm irid jiġi segwit minn trattament kontra l-bumunqar aħmar tal-palm, fejn tintuża taħlita ta' insetticidi biex tiksi l-feriti, billi dan l-insett jippreferi jbid fejn ikun hemm qatgħat friski.

Dan it-trattament għandu jiġi repetut għal tliet darbiet wara xulxin, kull erba' ġimgħat, ħalli s-siġra tiġi protetta bl-aħjar mod possibbli. Attenzjoni speċjali trid tingħata lis-siġar tal-ispeċi *Phoenix canariensis*, li hija waħda mis-siġar li l-iktar jattiraw dan l-insett. Din hija l-ikbar siġra mill-palm kollu u għandha friegħi ħodor skuri bi xfar jaqtgħu.

Għal iktar informazzjoni u gwida, wieħed jista' jikkuntattja d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima fuq in-numru 22926535 jew fuq il-*freephone* 80072310.

Wieħed jista' wkoll jibgħat *email* lill-plantquarantine@gov.mt jew iżur il-*website* tad-Direttorat fuq www.plantprotection.gov.mt



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

**NOTICE BY THE MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE REGARDING THE CARE OF PALM TREES USED BY FISHERMEN DURING THE *LAMPUKI* FISHING SEASON**

Now that the *lampuki* fishing season is well underway, the Plant Protection Directorate is soliciting the cooperation of those involved in the cutting of palm fronds for use in these activities to observe the respective regulations and guidelines in order to safeguard the health of these trees.

The Plant Protection Directorate would like to emphasise the importance of carrying out preventive chemical treatment on palm trees following pruning of fronds in order to further reduce the dispersion of the Red Palm Weevil.

The cutting of palm fronds must be followed by preventive treatments against the Red Palm Weevil, using a combination of insecticides to cover the fresh lesions, since this pest prefers to lay its eggs on fresh cuts in the palm tree.

This treatment must be repeated for three consecutive times at four-week intervals, so that the tree is protected in the best possible way. Special attention must be given if fronds are taken from the palm species Canary Palm (*Phoenix canariensis*) which is one of the most susceptible types for this insect. This is the biggest amongst these palm species and has dark green fronds with sharp edges.

For further information and guidance, one can contact the Plant Protection Directorate within the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change on 22926535, or on freephone 80072310.

One can also send an e-mail to plantquarantine@gov.mt or visit the Directorate's website www.plantprotection.gov.mt